MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1728/2005

**Attard & Co (Foodstuffs) Limited**

**vs**

**American Bistro Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' mija u disghin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm190.87) dovuta bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibghuha u konsenjata lis-socjeta attrici, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici waqt l-udjenza mizmuma fis-6 ta' Frar 2006 li permezz taghha cediet is-sorte imma zammet ferm il-kap a' l-ispejjez

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikat b'l-avviz f'l-1 ta' Dicembru 2005 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------